**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Rikors Numru: 144/2021 RM**

**Venesia Company Ltd (C 84274)**

**-Vs-**

**Al Solito Posto Ltd (C 82909)**

**Illum, 9 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Venesia Company Ltd fil-31 ta' Mejju 2021 fir-Reġistru tal-Qorti talbet illi s-soċjeta' konvenuta Al Solito Posto Ltd tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' għaxart elef, sitt mija u ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€ 10,601,93) rappreżentanti kreditu in konnessjoni ma' fatturi għall-provista ta' xorb alkolħoliku lis-soċjeta ntimata, liema fatturi huma hawn annessi u mmarkati **Dok VC1.**

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numerata 524/21 u l-mandat ta' sekwestru numerat 512/21 ippreżentat kontestwalment mal-ittra uffiċċjali u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra soċjeta ntimata li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża fil-11 ta' Awwissu 2021[1];

Rat illi madanakollu, minkejja li ġiet debitament notifikata, is-soċjeta' konvenuta baqgħet deheritx quddiem il-Qorti permezz ta' rapprezentant legali biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Rat ukoll illi s-soċjeta' konvenuta minkejja li ngħatat l-opportunita` li tressaq il-provi tagħha fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2021, naqset milli taghmel dan;

Semghet ix-xhieda ta' Antonio Vasere fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2021;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz

[1] Fol. 12 *tergo*.

tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Antonio Vasere, ir-rappreżentant legali kif ukoll il-benefiċċjarju tas-soċjeta' attriċi, xehed quddiem il-Qorti[2] u spjega illi l-ammont reklamat mill-kumpannija tiegħu f'din il-kawża jirrappreżenta l-prezz ta' prodotti ta' xorb alkoħoliku li ġew mibjugħa lis-soċjeta' konvenuta. Huwa kkonferma illi l-ammont mitlub ta' għaxart elef sitt mija u Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€10,601.93) baqa' qatt ma tħallas u għadu sal-lum dovut. Ix-xhud għamel referenza għall-i*statements* li jinsabu esebiti fl-atti u ddikjara li t-total tal-ammonti indikati f'dawn it-tliet *statements of account* annessi mar-Rikors promotur (Dok. VC1[3]) jirrappreżenta s-somma li hija dovuta lis-soċjeta' attriċi.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, baqgħet ma ressqet l-ebda provi u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socċjeta' ressqet provi sodisfaċjenti u suffiċjenti li jikkonvinċu lill-Qorti fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €10,601.93, huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta AL SOLITO POSTO LIMITED tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' għaxart elef sitt mija u Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€10,601.93) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

[2] Xhieda tal-20 ta' Ottubru 2021.
[3] Fol. 3 sa 5.

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**